MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1293/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Ridder Anna Maria**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tmienja u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm838.54) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 6994 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Gunju u Novembru, 2002;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat**

**kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm838.54) bl-imghax legali mit-30 ta' April, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2003, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------